**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 ta' Marzu, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Sarah Magri)**

**-vs-**

**Abou Diallo**
**detentur tal-Karta ta' l-Identita 48111A**

Kumpilazzjoni Nru. 909/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abou Diallo, talli:

B'diversi atti maghmulin anke jekk fi zmienijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi maghmula b'rizoluzzjoni wahda -

1. Fit-23 ta' Settembru, 2014 bejn il-hamsa ta' filghodu (05:00hrs) u s-sitta ta' filghodu (06:00hrs) gewwa Triq Eugenio Borg, Hamrun, bil-hsieb li jikkometti serqa minn residenza aggravata bil-hin u bil-lok, wera il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' l-istess delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hati;
2. Fit-22 t'Awissu, 2014 bejn l-ghaxra ta' filghaxija (22:00hrs) u il-hdax ta' filghaxija (23:00hrs) gewwa Triq Eugenio Borg, Hamrun, bil-hsieb li jikkometti serqa minn residenza aggravata bil-hin u bil-lok, wera il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' l-istess delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hati;

3. Fit-18 ta' Lulju, 2014 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (02:00hrs) gewwa Triq Eugenio Borg, Hamrun, bil-hsieb li jikkometti serqa minn residenza aggravata bil-hin u bil-lok, wera il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' l-istess delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hati;
4. Fil-17 t'Awissu, 2014 bejn it-tmienja ta' filghaxija u tmienja u nofs ta' filghaxija gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobli u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBD-412, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euro 250 ghad-detriment ta' Jason-John Falzon u/jew persuni ohra;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi tlett imputazzjonijiet ta' tentattiv ta' serq kif ukoll bi hsara volontarja.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li persuna ta' karnaggjon skura kien intlemah diversi drabi fl-akkwati ta' Triq Eugenio Borg, Hamrun, inkluz fir-residenza tal-koppja Borg li qeda sitwata fl-istess triq, tant li f'zewg okkazzjonijiet kien anke dahal gol-veranda taghhom u darb'ohra fil-kamra tas-sodda taghhom fis-sahra tal-lejl. Il-koppja tghix fi blokk appartamenti fuq il-*ground floor*.

Ix-xhieda principali dwar it-tentattiv ta' serq huma l-koppja Borg kif ukoll garr tal-koppja Shaun Debono. Il-provi huma fil-fatt msejjsa biss fuq xhieda 'okulari'.

Ix-xhud Erminia Borg tixhed li l-<u>ewwel darba</u> li lemhet **"ombra"** kien ghal xi saghtejn ta' filghodu meta tghid li sabithu fil-kamra tas-sodda u li meta hi werzqet dan qabez il-barra mit-tieqa li kienet miftuha fuq in-net.[1] Dakinhar

[1] Fol.43

hi ma ratx wiccu ghax *"L-ewwel darba kien hemm id-dlam is-saghtejn ta' filghodu u kien hemm l-istatura..."*[2].

Hu sinifikanti li hadd mill-koppja ma jaghti data ta' meta dan fil-fatt sehh izda hu biss ir-rapport (Current Incident Report, Dok.SM1, fol.32) li sar nhar il-20 t'Awissu, 2014, li jindika id-data bhala dik tat-**18 ta' Lulju, 2014**, li hija d-data indikata fl-akkuza. Mix-xhieda tal-koppja id-data tat-18 ta' Lulju, 2014 ma tirrizultax izda hija biss id-data tas-**16 ta' Lulju, 2014** li tissemma minn Carmelo Borg: *"..ilu sejjer hekk mis-16 ta' Lulju, ..."*.[3]

Erminia Borg izzid li kienet rat lil din il-persuna, li tiddentifikaha bhala l-imputat, darbtejn ohra fil-veranda tal-appartament taghha, *"....U darba dahal waqt li qeghdin niehdu t-te jien u r-ragel u nsibu jaghmlilna hekk gol-veranda, qed tifhem hemm hafna"*.[4] Ghalhekk mix-xhieda taghha jirrizulta li kien hemm diversi drabi meta l-persuna kienet intlemhet biswit ir-residenza taghhom, izda mhux dejjem saru rapporti l-ghassa. Tikkonferma li ma kien insteraq xejn. Rilevantissima hija l-osservazzjoni tax-xhud *"...jiena sthajjiltu sorry li tkellimt, qisu bhal meta qed jaghmilli stalking, stalking kif jghidu, l-hin kollu qisu qed jaghmilli hekk, qed idejjaqni ma nafx kif tintuza l-kelma. Ma nafx x'inhi r-raguni naf li qabbadni naqra.."* [5]

Carmel Borg jixhed li darba waqt li kien rieqed, martu kienet qajjmitu u qaltlu li rat xi hadd gewwa u li min kien dahalilhom kien qabez il-barra mit-tieqa li taghti ghat-triq. Borg jghid li hu ma kien ra xejn u haseb li martu kienet holmot.[6] Xi jiem wara kienet cemplitlu l-mara u qaltlu li persuna ta' karnaggjon skur kienet dahhlet fid-drive in taghhom u *"dan kien qabez fil-galarija voldieri, qghad itektek il-hgieg tal-galarija, u din harget il-mara u kull darba jitlaq jigri dan...per ezempju fit-tmienja ta' Settembru wkoll li ghadda....u dan xi hadd minn ta' hdejja qalli kellek iswed fil-gallarija."*[7] Dan ifisser li lanqas fit-8 ta' Settembru 2014 Borg ma kien irnexxilu jara wicc l-persuna li kienet dahhlet fil-gallerija tieghu!! Jidher cjar ukoll li dan kien qed jipprova jigbed l-attenzjoni ghall-presenza tieghu meta qaghad ittektek mal-hgieg!! Certament dan mhux agir ta' min qed jipprova jisraq, fejn halliel jaghmel hiltu sabiex ma jattirax attenzjoni ghall-ghemilu.

Borg jirrakonta li fit-23 ta' Settembru, 2014, meta kienu xi l-hamsa ta' filghodu kien sema min issejjah lilu u lill-martu: *"..u dawn qalluli qed*

[2] Folo.45
[3] Fol.49
[4] Fol.44
[5] Fol.45
[6] Fol.48
[7] Ibid

*jippruvaw jifthuha, jissladjaha, pero kienet maghluqa, u dar in-naha l-ohra, pprova jiftahli ohra dan,...".*[8] Wiehed difficli jifhem kif ghad-domanda jekk rax lil min ipprova jidhol go daru, Borg jiddentifika lill-imputat u dan meta fi kliemu hu ma kienx rah jipprova jidhol imma irrakkonta biss dak li ntqal lilu. Hu ma kienx rah lanqas fil-lejl li martu qalet li dahal fil-kamra tas-sodda – ghalkemm hi tghid li rat biss "ombra"! Borg jghid li martu kienet cemplitlu meta ratu fil-gallarija, u meta gie mizmum mill-girien nhar it-23 ta' Settembru, 2014 hu kien gie msejjah! Interessanti r-rimarka li gja saret riferenza ghaliha aktar l-fuq *".....ara dan ilu sejjer hekk bejn wiehed u iehor mis-**16 ta' Lulju**.".* Imbaghad jtenni li darba wahda biss gharfu *"...jien li gharaftu voldieri fit-**8 ta' Settembru**...".*[9] Dwar it-8 ta' Settembru jghid pero` "*per ezempju fit-tmienja ta' Settembru wkoll li ghadda....u dan xi hadd minn ta' hdejja qalli kellek iswed fil-gallarija."*[10] Wiehed jistqasi lil min gharaf allura fit-8 ta' Settembru, 2014?

Il-Qorti tirrimarka wkoll li **ma hemm ebda akkuza dwar il-jiem tas-16 ta' Lulju, 2014 u tat-8 ta' Settembru, 2014**, izda l-akkuzi jirrigwardaw tentattivi ta' serq fit-18 ta' Lulju, 2014, fit-22 t'Awissu, 2014 u fit-23 ta' Settembru 2014.[11]

Mix-xhieda ta PS1236 Joseph Gatt jirrizulta li nhar l-**20 t'Awissu, 2014**, Carmel Borg kien irraporta dwar meta martu qalet li rat ragel fil-kamra tas-sodda *"wara li rah b'ghajnejh hu wkoll emmen u rrapurtah l-Ghassa.....".*[12] Pero kif gja ntqal minn Carmel Borg stess *"...jien li gharaftu voldieri fit-**8 ta' Settembru**...".*[13]

Ir-rapport Dok.SM1 a fol. 32-34 jindika li Carmel Borg kien ra persuna suspettuza nhar l-20 t'Awissu 2014 meta *"dan qabad u fetah il-grada ta' quddiem id-dar tieghu, dahal fil-parapett u x'aktarx skond il-kwrelant kien ser jipprova jidhol gewwa ir-residenza,..."* [14]

Mill-provi processwali u senjatament mix-xhieda, il-jiem meta gie identifikat l-imputat ma jikkorispondux mad-dati tal-akkuzi. Dan ghaliex l-unika data indikata mix-xhud Carmel Borg fix-xahar ta' Lulju, 2014 kienet dik tas-16 filwaqt li l-akkuzi nhargu dwar it-18 ta' Lulju, 2014. F'Awissu, 2014 ir-rapport sar nhar l-20 ta' Awissu mentri l-akkuzi nhargu dwar it-22

---

[8] Ibid
[9] Fol.50
[10] Ibid
[11] Fol.1 u Fol.27
[12] Fol.63
[13] Fol.50
[14] Fol.34

t'Awissu 2014. Dak li sehh fit-**22 ta' Awissu 2014** skond il-Current Incident Report a fol. 16-17 kien semplicement li *"...whilst complainant and his wfe were asleep they heard someone **knocking** on their door."*

L-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jitkellem dwar it-tentattiv ta' reat jiddisponi illi: "Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati .... jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."

"Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the *mens rea*, nor if it goes no further than the stage of preparation."

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and

is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."”[15]

Shawn Debono jixhed kif nhar it-23 ta‘ Settembru 2014 waqt li hareg mid-dar u kien sejjer lejn l-iskola fejn kien jahdem, ra lill-imputat *"idurilha mat-twieqi bhal ma jaghmel* ***is-soltu.***"[16] Jghid li fil-fehma tieghu dan kien qed jipprova jidhol ghand il-gara tieghu ghax hekk kien sema‘ li gara u sussegwentement il-girien kienu ppruvaw iffitxuh biex jippruvaw jaqbduh. Jghid li hu ra lill-imputat jipprova jiftah it-twieqi tar-residenza ta‘ Borg. *"Qatt ma rajtu gewwa jiena jien kull ma narah jiftah it-twieqi biss."*[17] Jerga jidwi kliem Erminia Borg: *"qed jaghmilli stalking, stalking kif jghidu, l-hin kollu qisu qed jaghmilli hekk, qed idejjaqni."*[18]

Fil-fehma tal-Qorti l-fattispecje tal-kaz in kwantu jirrigwardaw l-ewwel tlett imputazzjonijiet, ma jinkwadrawx ruhhom taht id-disposizzjoni tal-ligi dwar is-serq jew it-tentattiv tieghu, izda taht disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali *inter alia* dawk previsti bl-artikoli 251A u 251B tal-Kodici Kriminali kif ukoll bl-artikolu 340(d) tal-istess Kodici. Hu indikkattiv ferm li sahansitra fil-mori ta‘ dawn il-proceduri u wara li kien inghata l-helsien mill-arrest fuq dawn l-imputazzjonijiet, nhar it-30 ta‘ Marzu, 2015, l-imputat kien ssokta bl-agir tieghu fil-konfront tal-koppja Borg tant li gie akkuzat anke b’fastidju fil-konfront tal-istess koppja ghall-liema akkuzi hu kien ammetta u kien gie kkundannat ghal tmien xhur prigunerija. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mit-tlett imputazzjonijiet ta‘ tentattiv ta‘ serq

Rigward l-ahhar imputazzjoni dwar hsara volontarja, l-Qorti tinnota li l-ahjar prova kellha tkun il-*footage* li minnu ttiehdu l-istills esebiti a fol. 35 bhala Dok. SM2. Dan jinghad peress li l-istess *stills* mhumiex ta’ kwalita` tali li jiddeterminaw, sal-grad ta‘ prova rikjest mill-ligi, li l-persuna murija fuqhom hija definittivament l-imputat, u ghalhekk ma tistax tinstab htija fuq ir-raba imputazzjoni ta‘ hsara volontarja.

Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi liberat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[15] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qori ta’ Gudikatura Kriminali, 10.06.2009, Pulizija vs Rashad El-Arabi Mabruk. Magistrat Dr Edwina Grima.
[16] Fol.71
[17] Fol.74
[18] Fol.45